

ANNEX I

SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT

1. ISEM IL-PRODOTT MEDIĊINALI

Enzepi ta' 5,000 unità kapsuli ibsin gastro-reżistenti

Enzepi ta' 10,000 unità kapsuli ibsin gastro-reżistenti

Enzepi ta' 25,000 unità kapsuli ibsin gastro-reżistenti

Enzepi ta' 40,000 unità kapsuli ibsin gastro-reżistenti

2. GĦAMLA KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA

Enzepi 5,000 unità kapsuli ibsin gastro-reżistenti

Kapsula waħda fiha 39.8 mg ta' trab pankreatiku li ġej mill-ħnieżer inkluż l-attivitajiet enzimatiċi li ġejjin:

attività lipolitika:		5,000 unità*,
attività amilolitika:	mhux inqas minn	1,600 unità*,
attività proteolitika:	mhux inqas minn	130 unità*.

Enzepi 10,000 unità kapsuli ibsin gastro-reżistenti

Kapsula waħda fiha 83.7 mg ta' trab pankreatiku li ġej mill-ħnieżer inkluż l-attivitajiet enzimatiċi li ġejjin:

attività lipolitika:		10,000 unità*,
attività amilolitika:	mhux inqas minn	3,200 unità*,
attività proteolitika:	mhux inqas minn	270 unità*.

Enzepi 25,000 unità kapsuli ibsin gastro-reżistenti

Kapsula waħda fiha 209.3 mg ta' trab pankreatiku li ġej mill-ħnieżer inkluż l-attivitajiet enzimatiċi li ġejjin:

attività lipolitika:		25,000 unità*,
attività amilolitika:	mhux inqas minn	4,800 unità*,
attività proteolitika:	mhux inqas minn	410 unità*.

Enzepi 40,000 unità kapsuli ibsin gastro-reżistenti

Kapsula waħda fiha 334.9 mg ta' trab pankreatiku li ġej mill-ħnieżer inkluż l-attivitajiet enzimatiċi li ġejjin:

attività lipolitika:		40,000 unità*,
attività amilolitika:	mhux inqas minn	7,800 unità*,
attività proteolitika:	mhux inqas minn	650 unità*.

* Unitajiet Ph. Eur.

Għal-lista kompluta ta' eċċipjenti, ara sezzjoni 6.1.

3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Kapsula iebsa gastro-reżistenti.

Enzepi 5,000 unità kapsuli ibsin gastro-reżistenti

Kapsula iebsa b'kappa opaka bajda u korp opak abjad, stampata b'“Enzepi 5” u li fiha granijiet gastro-reżistenti kannella ċari.

Enzepi 10,000 unità kapsuli ibsin gastro-reżistenti

Kapsula iebsa b'kappa opaka safra u korp opak abjad, stampata b'“Enzepi 10” u li fiha granijiet gastro-reżistenti kannella ċari.

Enzepi 25,000 unità kapsuli ibsin gastro-reżistenti

Kapsula iebša b'kappa opaka ħadra u korp opak abjad, stampata b'“Enzepi 25” u li fiha granijiet gastro-reżistenti kannella ċari.

Enzepi 40,000 unità kapsuli ibsin gastro-reżistenti

Kapsula iebša b'kappa opaka blu u korp opak abjad, stampata b'“Enzepi 40” u li fiha granijiet gastro-reżistenti kannella ċari.

4. TAGĦRIF KLINIKU

4.1 Indikazzjonijiet terapewtiċi

Kura ta' sostituzzjoni ta' enzimi pankreatiċi f'insuffiċjenza pankreatika eżokrinali minħabba fibrożi ċistika jew kundizzjonijiet oħrajn (eż. pankreatite kronika, post pankreatektomija jew kanċer pankreatiku).

Enzepi hu indikat għall-użu fi trabi tat-twelid, fi tfal, fl-adolexxenti u fl-adulti.

4.2 Pożoloġija u metodu ta' kif għandu jingħata

Pożoloġija

Id-doża ta' Enzepi għandha tkun individwalizzata abbażi ta' sintomi kliniċi, il-grad ta' steatorrhoea preżenti, il-kontenut ta' xaħam fid-dieta, jew il-piż vera tal-ġisem. It-terapija għandha tinbeda bl-inqas doża rakkomandata u għandha tiżdied gradwalment taħt superviżjoni medika b'monitoraġġ bir-reqqa tar-rispons u s-sintomi tal-pazjent. Il-pazjenti għandhom jiġu avżati biex ma jżidux id-doża huma stess. Bidliet fid-doża jistgħu jeħtieġu perjodu ta' aġġustament ta' diversi jiem.

Doża massima rakkomandata

Id-doża massima rakkomandata totali hija ta' 2,500 unità ta' lipażi/kg tal-piż tal-ġisem għal kull ikla (jew 10,000 unità ta' lipażi/kg tal-piż tal-ġisem kuljum), jew 4,000 unità ta' lipażi/g xaħam iġestita kuljum. Dożi aktar għoljin għandhom jintużaw b'kawtela jekk hemm bżonnhom (ara sezzjonijiet 4.4 u 4.9) u għandhom jintużaw biss jekk huma ddokumentati li huma effettivi b'kejl ta' xaħam fl-ippurgar ta' 3 ijiem li jindika koeffiċjent ta' assorbiment tax-xaħam li tjieb b'mod sinifikanti.

Għal kull ikla ħafifa, għanda tingħata nofs id-doża ta' Enzepi preskritta għal ikla sħiħa. Dożi ta' enzimi espressi bħala unitajiet ta' lipażi/kg tal-piż tal-ġisem għandhom jitnaqqsu f'pazjenti akbar fl-età minħabba li hemm it-tendenza li jieħdu inqas xaħam għal kull kilogramma tal-piż tal-ġisem.

Huwa importanti li tiżgura idrazzjoni adegwata tal-pazjenti fil-ħinijiet kollha waqt id-dożaġġ b'Enzepi. Idrazzjoni inadegwata tista' tippredisponi għal/jew taggrava l-istitikezza.

Doża tal-bidu

Popolazzjoni pedjatrika taħt l-età ta' sena

Għal trabi tat-twelid taħt l-età ta' sena, id-doża tal-bidu rakkomandata hija ta' 5,000 unità ta' lipażi għal kull ikla (ġeneralment 120 ml ta' ħalib) (ara s-sezzjoni Metodu ta' kif għandu jingħata).

Popolazzjoni pedjatrika fl-età ta' bejn sena u inqas minn 4 snin

Għal tfal fl-età ta' bejn sena u inqas minn 4 snin id-doża tal-bidu rakkomandata hija ta' 1,000 unità ta' lipażi/kg tal-piż tal-ġisem għal kull ikla.

Popolazzjoni pedjatrika fl-età ta' 4 snin jew akbar u adulti (inkluż anzjani)

Għal tfal fl-età ta' 4 snin jew aktar, adolexxenti u adulti, id-doża rakkomandata tal-bidu hija ta' 500 unità ta' lipażi/kg tal-piż tal-ġisem għal kull ikla.

Metodu ta' kif għandu jingħata

Għal użu orali.

Enzepi għandu jittieħed waqt l-ikliet jew ikliet ħfief, b'xarba ilma jew meraq.

Il-kapsuli għandhom jinbelgħu sħaħ u mhux jintmagħdu jew jitkissru. It-tkissir, tagħmid, jew it-taħlit tal-kontenut tal-kapsuli mal-ikel jew fluwidu b'pH akbar minn 5 jew il-ħażna tat-taħlita tal-ikel (ara hawn taħt), jistgħu jwasslu għat-tħarbit tal-kisi gastro-reżistenti protettiv. Dan jista' jirriżulta f'rilaxx kmieni tal-enzimi fil-kavità orali, irritazzjoni tal-membrani mukużi u jista' jwassal għal telf tal-attività tal-enzimi.

Pazjenti li ma jistgħux jibilgħu l-kapsuli sħaħ

Għal pazjenti li ma jistgħux jibilgħu l-kapsuli sħaħ, il-kapsuli jistgħu jinfetħu bil-galbu u l-kontenut jitħallat (mingħajr ma jiġi mitħun) ma' ammonti żgħar ta' ikel artab aċidiku ta' pH 5 jew inqas (eż. puree tal-frott [tuffieħ/lanġas], jogurt, meraq [larinġ/ananas/tuffieħ]). Tħallatx mal-ilma, ħalib, ħalib tas-sider, formula, ħalib bl-essenza jew ikel sħun. It-taħlita ta' ikel artab b'Enzepi għandha tinbela' immedjatament mingħajr ma tingħomod u għandha tiġi segwita b'ilma jew meraq biex tiġi żgurata inġestjoni sħiħa. Għandu jiġi żgurat li Enzepi ma jibqax fil-ħalq. It-taħlita ma għandhiex tinħażen.

Popolazzjoni pedjatrika

Għal pazjenti pedjatriċi taħt l-età ta' sena, Enzepi għandu jingħata immedjatament qabel l-ikel.

Il-kapsula għandha tinfetaħ bil-qies sabiex jitbattal il-kontenut (granijiet). Il-granijiet jistgħu jingħataw ma' ammont żgħir ta' ikel aċidiku xieraq jew direttament fil-ħalq. L-amministrazzjoni għandha tiġi segwita bil-ħalib tas-sider jew formula biex tiġi żgurata inġestjoni sħiħa. Il-kontenut tal-kapsula ma għandux jiġi mħallat direttament mal-ħalib formula jew mal-ħalib tas-sider minħabba li tista' titnaqqas l-effikaċja. Għandu jiġi żgurat li Enzepi ma jiġix mitħun jew mimgħud jew jibqa' fil-ħalq, sabiex tiġi evitata l-irritazzjoni tal-mukoża orali.

4.3 Kontraindikazzjonijiet

Sensittività eċċessiva għas-sustanza attiva jew għal kwalunkwe wieħed mill-eċċipjenti elenkati fis-sezzjoni 6.1.

4.4 Twissijiet speċjali u prekawzjonijiet għall-użu

Kolonopatija fibrosizzanti

Kontrazzjonijiet tal-musrana għamja u l-musrana l-kbira (kolonopatija fibrosizzanti) ġew irrapportati f'pazjenti b'fibrożi ċistika li kienu qed jieħdu dożi għoljin ta' preparazzjonijiet tal-pancreatin. Bħala prekawzjoni, sintomi addominali mhux tas-soltu jew bidliet fis-sintomi addominali għandhom jiġu vvalutati medikament sabiex tiġi eskluża l-possibilità ta' kolonopatija fibrosizzanti, speċjalment jekk il-pazjent ikun qed jieħu aktar minn 10,000 unità ta' lipażi/kg/jum.

Reazzjonijiet anafilattiċi

Rarament, ġew irrapportati reazzjonijiet anafilattiċi ma' prodotti tal-enzimi pankreatiċi b'formulazzjonijiet differenti tal-istess ingredjent attiv (trab pankreatiku). Jekk isseħħ din ir-reazzjoni, il-pazjenti għandhom jingħataw il-parir biex iwaqqfu l-kura immedjatament u jfittxu assistenza medika urġenti.

Potenzjal ta' iperurikemija

Għandha tingħata attenzjoni meta jingħata Enzepi lil pazjenti bi storja ta' gotta, indeboliment renali, jew iperurikemija. Prodotti ta' enzimi pankreatiċi li ġejjin mill-ħnieżer fihom il-purini li jistgħu jżidu livelli tal-aċidu uriku fid-demmm.

Potenzjal għal irritazzjoni tal-mukoża orali

Għandu jiġi żgurat li l-ebda prodott mediċinali ma jibqa' fil-ħalq. Enzepi ma għandux jiġi mitħun jew mimgħud jew imħallat f'ikel li għandu pH ta' aktar minn 5. Dawn l-azzjonijiet jistgħu jħarbtu l-kisi gastro-reżistenti protettiv li jirriżulta fil-ħruġ kmieni tal-enzimi, irritazzjoni tal-mukoża orali, u/jew telf ta' attività tal-enzimi (ara sezzjoni 4.2).

Livelli anormali tal-glukożju fid-demmm

Għandha tingħata kunsiderazzjoni għall-monitoraġġ tal-glukożju fid-demm f'pazjenti f'riskju ta' livelli anormali tal-glukożju fid-demm peress li l-kontroll gliċemiku jista' jkun affetwat permezz tal-amministrazzjoni ta' terapija ta' sostituzzjoni tal-enzimi pankreatiċi (ara sezzjoni 4.8).

Sodium

Dan il-prodott mediċinali fih anqas minn 1 mmol sodium (23 mg) f'kull doża, jiġifieri essenzjalment 'ħieles mis-sodium'.

4.5 Interazzjoni ma' prodotti mediċinali oħra u forom oħra ta' interazzjoni

Ma twettaq l-ebda studju ta' interazzjoni.

Il-prodotti mediċinali tal-enzimi pankreatiċi ma jikkawżawx interazzjonijiet farmakokinetiċi jew farmakodinamiċi abbażi tal-farmakoloġija tagħhom, peress li mhumiex assorbiti mill-passaġġ gastro-intestinali. Ma hija mistennija l-ebda interazzjoni klinikament rilevanti.

4.6 Fertilità, tqala u treddigħ

Tqala

M'hemmx dejta adegwata dwar l-użu ta' dan il-prodott mediċinali f'nisa tqal. Mhuwiex magħruf ukoll jekk dan il-prodott mediċinali jistax jikkawża ħsara fetali meta mogħti lil mara tqala jew jistax jaffettwa l-kapaċità riproduttiva. Għalkemm, ma twettqet l-ebda investigazzjoni preklinika b'Enzeppi, ma hemm l-ebda evidenza ta' xi assorbiment ta' dan il-prodott mediċinali. Għaldaqstant, mhi mistennija l-ebda tossiċità riproduttiva jew ta' żvilupp. Ir-riskju u l-benefiċċju ta' dan il-prodott mediċinali għandhom jitqiesu fil-kuntest tal-bżonn li jiġi pprovdut appoġġ nutrittiv adegwat lil mara tqala b'insuffiċjenza pankreatika eżokrinali. It-teħid adegwat ta' kaloriji waqt it-tqala huwa importanti għaż-żieda normali fil-piż tal-omm u t-tkabbir tal-fetu. It-tnaqqis fiż-żieda fil-piż tal-omm u malnutrizzjoni jistgħu jkunu assoċjati ma' riżultati avversi tat-tqala.

Treddigħ

Mhux magħruf jekk dan il-prodott mediċinali jiġix eliminat mill-ħalib tas-sider tal-bniedem. Madankollu, l-ebda effett fuq it-trabi tat-twelid li treddgħu ma hu mistenni għall-enzimi pankreatiċi preżenti f'Enzeppi fil-mara li qiegħda tredda'.

Minħabba li r-riskju għat-trabi tat-twelid mhux eskluż, għandha tittieħed deċizzjoni jekk il-mara twaqqafx it-treddigħ jew twaqqafx/tastjeni mit-trattament b'Enzeppi, wara li jiġi kkunsidrat il-benefiċċju tat-treddigħ għat-tarbija u l-benefiċċju tat-trattament kontinwat b'Enzeppi għall-mara li qed tredda'.

Fertilità

Mhemm l-ebda dejta umana disponibbli dwar l-effett ta' Enzeppi fuq il-fertilità.

4.7 Effetti fuq il-ħila biex issuq u tħaddem magni

Enzeppi m'għandu l-ebda effett fuq il-ħila biex issuq u tħaddem magni.

4.8 Effetti mhux mixtieqa

Sommarju tal-profil tas-sigurtà

L-aktar reazzjonijiet avversi serji importanti osservati bi prodotti mediċinali tal-enzimi pankreatiċi huma reazzjonijiet anafilattiċi (ara sezzjoni 4.4) u kolonopatija fibrosizzanti (ara sezzjoni 4.4).

L-aktar reazzjonijiet avversi komuni rrapportati b'Enzeppi kienu lmenti gastro-intestinali [uġiġħ addominali, (16%); gass (12%); nefħa addominali (7%); dijarea u rimettar (6%); stitikezza (5%); dardir (3%)]; u uġiġħ ta' ras li jseħħ f'bejn wieħed u ieħor 6% tal-pazjenti. Fil-provi kliniċi, ħafna minnhom kienu ħfief għal moderati fis-severità.

Lista tabulata ta' reazzjonijiet avversi

Ir-reazzjonijiet avversi assoċjati ma' trab pankreatiku miksuba minn studji kliniċi, sorveljanza ta' wara t-tqegħid fis-suq u xi effetti tal-klassi addizzjonali huma mniżżlin f'tabella hawn taħt. Huma ppreżentati skont is-Sistema tal-klassifika tal-organi MedDRA u huma elenkati taħt intestaturi ta' frekwenza, bl-użu ta' dawn il-kategoriji li ġejjin: komuni ħafna ($\geq 1/10$); komuni ($\geq 1/100$ sa $< 1/10$); mhux komuni ($\geq 1/1,000$ sa $< 1/100$); rari ($\geq 1/10,000$ sa $< 1/1,000$); rari ħafna ($< 1/10,000$) u mhux magħruf (ma tistax tittieħed stima mid-data disponibbli). Ma' kull grupp ta' frekwenza, ir-reazzjonijiet avversi huma ppreżentati f'ordni skont il-frekwenza dejjem tonqos tagħhom.

<i>Sistema tal-Klassifika tal-Organi</i>	<i>Komuni ħafna</i>	<i>Komuni</i>	<i>Mhux magħruf</i>
<i>Disturbi fis-sistema immuni</i>			Reazzjoni anafilattika** Sensittività eċċessiva għall-mediċina/ Sensittività eċċessiva
<i>Disturbi fil-metaboliżmu u n-nutrizzjoni</i>			Iperurikemija/iperurikosurja** Nuqqas ta' aptit
<i>Disturbi fis-sistema nervuża</i>		Ugħigh ta' ras	Sturdament
<i>Disturbi respiratorji, toraċiċi u medjastinali</i>			Dispnea*
<i>Disturbi gastro-intestinali</i>	Ugħigh addominali	Dijarea Rimettar Dardir Stitikezza Nefħa addominali Gass Skumdità addominali	Kolonpatija tal-fibrożi** Nefħa fix-xoffa u lsien minfuħ* Stomatite Ugħigh fil-parti ta' fuq tal-addome Dispepsja Ippurgar mhux normali Ippurgar li tilef il-kulur Moviment frekwenti tal-imsaren
<i>Disturbi fil-ġilda u fit-tessuti ta' taħt il-ġilda</i>			Nefħa fil-wieċ Urtikarja Raxx ġeneralizzat Raxx Raxx eritematuż Ħakk
<i>Disturbi ġenerali u kondizzjonijiet ta' mnejn jingħata</i>			Għejja Telqa
<i>Investigazzjonijiet</i>			Tnaqqis tal-glukożju fid-demmm Żieda tal-glukożju fid-demmm Tnaqqis fil-piż Żieda fil-piż

*Sintomi ta' reazzjonijiet allerġiċi.

**Effetti ta' klassi

Deskrizzjoni ta' reazzjonijiet avversi magħżula

F'pazjenti f'riskju ta' livelli anormali tal-glukożju fid-demm il-kontroll glikimiku jista' jkun affetwat permezz tal-amministrazzjoni ta' terapija ta' sostituzzjoni tal-enzimi pankreatiċi (ara sezzjoni 4.4). Każijiet ta' fluttwazzjonijiet tal-glukożju fid-demm kienu rrapportati b'Enzeppi, ħafna minnhom mhux serji u rkuprati wara aġġustament fil-kura dijabetika.

L-aktar effetti ta' klassi relevanti tal-prodotti tal-enzimi pankreatiċi jinkludu l-kolonopatija fibrosizzanti, iperurikemija/ iperurikosurja u reazzjonijiet anafilattiċi.

Popolazzjoni pedjatrika

Fi provi kliniċi, 110 tfal b'CF (fibrożi ċistika) fl-età ta' xahar u aktar ingħataw Enzeppi b'doża li żgurati l-istabbilizzazzjoni tas-sintomi. Il-profil tas-sigurtà ta' Enzeppi fil-popolazzjoni pedjatrika kien simili għal dak osservat fl-adulti.

Anzjani

Ma ġewx identifikati reazzjonijiet avversi speċifiċi fil-popolazzjoni tal-anzjani. Il-frekwenza, it-tip u s-severità tar-reazzjonijiet avversi kienu simili f'nies anzjani b'insuffiċjenza pankreatika eżokrinali meta mqabbla mal-adulti.

Rappurtar ta' reazzjonijiet avversi suspettati

Huwa importanti li jiġu rrapportati reazzjonijiet avversi suspettati wara l-awtorizzazzjoni tal-prodott mediċinali. Dan jippermetti monitoraġġ kontinwu tal-bilanċ bejn il-benefiċċju u r-riskju tal-prodott mediċinali. Il-professjonisti dwar il-kura tas-saħħa huma mitluba jirrapportaw kwalunkwe reazzjoni avversa suspettata permezz tas-sistema ta' rappurtar nazżjonali imniżżla f'Appendiċi V.

4.9 Doża eċċessiva

Dożi għoljin kroniċi ta' prodotti tal-enzimi pankreatiċi kienu assoċjati mal-kolonopatija fibrosizzanti u bħala riżultat f'xi każi ta' tidjiq koloniku (ara sezzjonijiet 4.2 u 4.4). Dożi għoljin ta' prodotti tal-enzimi pankreatiċi ġew assoċjati mal-iperurikosurja u l-iperurikemija u għandhom jintużaw b'kawtela f'pazjenti bi storja ta' gotta, indeboliment renali, jew iperurikemija (ara sezzjoni 4.4). Miżuri ta' appoġġ inkludju it-twaqqif ta' terapija tal-enzimi pankreatiċi u l-iżgurar ta' ridratazzjoni adegwata huma rakkomandati.

5. PROPRJETAJIET FARMAKOLOĠIĊI

5.1 Proprjetajiet farmakodinamiċi

Kategorija farmakoterapewtika: Diġestivi, inkl, enzimi, Preparazzjonijiet tal-enzimi, Kodiċi ATC: A09AA02

Mekkaniżmu ta' azzjoni

Enzeppi hu parti mill-familja ta' prodotti tal-enzimi pankreatiċi u għandu ammont definit ta' lipażi, amilażi u protease li ġew estratti mill-frixa tal-ħnieżer u ppurifikati permezz ta' proċess imfassal biex jinattiva l-virusijiet.

Granijiet gastro-reżistenti huma mħallta sew mal-kimo (chyme) meta l-kapsula ddub fl-istonku, mingħajr ma jinattivaw l-enzimi sensittivi għall-aċidu. Huwa biss fid-duwodenu, li għandu ambjent differenti b'valur pH aktar minn 5, li dawn l-enzimi diġestivi jiġu rilaxxati mill-granijiet.

Imbagħad, l-enzimi jikkatalizzaw l-idroliżi tax-xaħmijiet għal monogliċeridi, gliċerol, u l-aċidi grassi liberi, proteini fil-peptidi u l-aċidi amino, u lamtu fid-destri u zokkor ta' katina qasira bħal maltożju u maltotriożju fid-duwodenu u l-musrana ż-żgħira prossimali, b'hekk jaġixxu bħal enzimi diġestivi fiżjoloġikament innixxija mill-frixa.

Effikaċja klinika

L-effikaċja ta' Enzeppi ġiet evalwata fi studju komparattiv attiv wieħed u fi studju wieħed ikkontrollat bi plaċebo li sar fuq 130 pazjent b'EPI (insuffiċjenza pankreatika eżokrinali) assoċjata ma' CF. Barra minn hekk saru tliet studji ta' appoġġ f'34 pazjent pedjatriku.

Data ġġenerata fil-popolazzjoni CF b'EPI tista' tiġi estrapolata għall-kawżi l-oħra tal-EPI bħal pankreatite kronika, post pankreatektomija jew kanċer pankreatiku.

Studju PR-005

L-istudju piviali PR-005 twettaq fl-Ewropa. Kien studju li sar b'mod każwali, fl-għama doppja, komparatur, żewġ kuriet, u inkroċjat, li qabbel Enzepi ma' kura standard bl-enzimi pankreatiċi waqt 2 perjodi ta' kura. Waqt l-ewwel perjodu ta' kura, il-pazjenti rċevew jew Enzepi jew il-komparatur għal 28 jum, segwiti minn qlib għal kura alternattiva għat-tieni perjodu ta' 28 jum. Għaż-żewġ perjodi ta' kura, il-pazjenti rċevew doża li kienet kemm jista' jkun viċin id-doża eżistenti stabbilizzata tal-prodott tal-enzimi pankreatiċi tagħhom fl-ewwel jum ta' kura kull wieħed mill-perjodi ta' kura. Imbagħad, fil-bidu tat-tieni jum, id-doża tal-kura assenjata tista' tinbidel (titrata 'l fuq u/jew titrata 'l isfel) biex tistabbilizza s-sintomi tal-EPI. L-istabbilizzazzjoni tas-sintomi kellha tinkiseb qabel tmiem l-ewwel 14-il jum ta' kura.

Total ta' 96 pazjent, fl-età ta' bejn it-12 sal-43 sena, ġew randomizzati b'mod każwali fil-popolazzjoni bl-iskop li tiġi kkurata. Waqt l-istudju, il-pazjenti ngħataw struzzjonijiet biex jikkunsmaw 100 g (\pm 15 g) ta' xaħam kuljum u biex iżommu konsum konsistenti ta' xaħam fid-dieta għall-ikliet u għall-ikliet hċief. Il-punt aħħari primarju tal-effikaċja kien il-koeffiċjenti ta' assorbiment ta' xaħam fuq 72 siegħa (CFA-72h) li kien ikkalkolat fit-tmiem ta' kura, mill-ippurgar miġbur waqt l-aħħar 3 ijiem ta' kura. Il-għbir sar f'ambjent approvat u kkontrollat li ppermetta konsum fid-dieta sorveljat u għbir ta' ppurgar kwantitattiv.

L-individwi kisbu CFA-72h medju ta' 84.08 b'Enzepi u ta' 85.33 b'komparatur. Id-differenza fil-medja kienet ta' -1.25 (95% CI, -3.62 sa 1.12), b' $p=0.2972$. Għaldaqstant, Enzepi wera kemm non-inferjorità u ekwivalenza mal-komparatur fil-kontroll tal-assorbiment tax-xaħam (imkejjejl bħala CFA-72h) f'adolexxenti u adulti b'EPI assoċjat mas-CF.

Tabella 1 Analiżi ta' koeffiċjent tal-assorbiment tax-xaħam fuq 72 siegħa (CFA-72h) - Popolazzjoni ta' dawk li temmew (Studju: PR-005)

Varjabbli statistika	Enzepi (N=83)	Kura standard (N=83)
Statistiċi sommarji		
Medja (SD)	84.11 (11.073)	85.34 (9.099)
Medjan (minimu – massimu)	85.92 (47.4 – 99.5)	86.49 (53.5 – 97.3)
Statistiċi bbażati fuq mudell (Enzepi mingħajr Creon)		
Medja LS (żball standard)	84.08 (1.109)	85.33 (1.109)
Differenza f'medja LS (95% tal-limiti ta' kunfidenza)		-1.25 (-3.62, 1.12)
valur-p		0.2972

N: numru ta' pazjenti; SD: devjazzjoni standard; LS: l-inqas kwadrati.

Statistiċi bbażati fuq mudell huma minn mudell lineari b'effetti mħallta li jużaw CFA-72h bħala l-varjabbli ta' rispons, fatturi b'effett fiss, sekwenza ta' perjodu u kura, u individwi fi ħdan sekwenza ta' kura bħala effett każwali.

Studju EUR-1008-M

L-istudju EUR-1008-M ta' appoġġ, li twettaq fl-Istati Uniti, kien studju każwali, fl-għama doppja, kkontrollat minn plaċebo, u inkroċjat, ta' 34 pazjent, fl-etajiet ta' bejn is-7 u t-23 sena, bl-EPI minħabba s-CF. Il-pazjenti ġew randomizzati biex jirċievu Enzepi jew plaċebo simili għal 6 sa 7 ijiem ta' kura, segwit minn qlib għall-kura alternata għal 6 sa 7 ijiem oħra. Il-pazjenti kollha kkunsmaw dieta b'ħafna xaħam (aktar minn jew daqs 100 gramma ta' xaħam kuljum) waqt il-perjodu ta' kura.

Il-punt aħħari primarju tal-effikaċja kien id-differenza medja fil-koeffiċjent tal-assorbiment tax-xaħam (CFA-72h) bejn Enzepi u l-kura bil-plaċebo. Is-CFA-72h kien determinat b'ġabra tal-ippurgar ta' 72 siegħa waqt iż-żewġ kuri, fejn tkejlu kemm l-eskrezzjoni tax-xaħam kif ukoll l-iġestjoni tax-xaħam. Is-CFA-72h ta' kull pazjent waqt il-kura bil-plaċebo ntuża bħala l-valur ta' bla kura tas-CFA-72h.

Is-CFA-72h medju kien ta' 88% b'kura b'Enzepi meta mqabbel ma' 63% b'kura bil-plaċebo. Id-differenza medja fis-CFA-72h kienet ta' 26 punt perċentwali aktar mill-kura Enzepi b'95% ta' Intervall ta' Kunfidenza ta' (19, 32) u $p < 0.001$.

Popolazzjoni pedjatrika

L-effikaċja u sigurtà fuq żmien qasir ta' Enzepi kienu vvalutati fi studji kliniċi f'pazjenti pedjatriċi, fl-etajiet ta' sena sa 17-il sena, bl-EPI minħabba CF.

Studju EUR-1008-M

EUR-1008-M sar fuq 34 pazjent bl-EPI minħabba s-CF, fejn 26 minnhom kienu tfal, inkluż 8 itfal fl-etajiet ta' 7 sa 11-il sena, u 18-il adolexxent fl-etajiet ta' 12 sa 17-il sena. Ir-riżultati huma ppreżentati hawn fuq. Is-sigurtà u l-effikaċja fil-pazjenti pedjatriċi f'dan l-istudju kienu simili għall-pazjenti adulti.

Studju EUR-1009-M

EUR 1009-M kien studju miftuħ, b'fergħa waħda f'19-il pazjent, fl-etajiet ta' sena sa 6 snin, bl-EPI minħabba s-CF. Bejn wieħed u ieħor nofs il-pazjenti kienu fl-etajiet ta' sena sa 3 snin. Il-pazjenti kienu tranżmessi għal Enzepi mill-kura PEP (prodott tal-enzimi pankreatiċi) tagħhom tas-soltu. Wara 4-14-il jum ta' perjodu ta' skrinjar bil-PEP tagħhom tas-soltu, il-pazjenti rċevew Enzepi f'dożi titrati individwalment f'firxa ta' bejn 2,300 u 10,000 unità ta' lipażi għal kull kg tal-piż tal-ġisem kuljum, b'medja ta' bejn wieħed u ieħor 5,000 unità ta' lipażi għal kull kg tal-piż tal-ġisem kuljum (m'għandhomx jinqabżu 1-2,500 unità ta' lipażi għal kull kilogramma kull ikla) għal 14-il jum. Ma kien hemm l-ebda perjodu ta' washout.

Il-punt aħħari primarju tal-effikaċja kien il-perċentwal ta' "dawk li rrispondew", definiti bħala dawk il-pazjenti mingħajr steatorrhoea (<30% kontenut tax-xaħam fl-ippurgar) u mingħajr sinjali u sintomi ta' malassorbiment wara ġimġha u ġimagħtejn tal-kura b'Enzepi. Steatorrhoea għet ivvalutata mill-kontenut tax-xaħam fl-ippurgar imkejla b'verifiki partikolari tax-xaħam fl-ippurgar fil-Jiem 11 u 18 meta mqabbla mal-linja bażi (taħt il-PEP tas-soltu).

In-numru ta' dawk li rrispondew (pazjenti b'inqas minn 30% ta' kontenut ta' xaħam fl-ippurgar u mingħajr sinjali u sintomi ta' malassorbiment) fuq il-linja bażi kien ta' 10/19 (52.6%), 13/19 (68.4%) wara ġimġha ta' kura (stabilizzazzjoni) u 11/19 (57.9%) wara t-tieni ġimġha ta' kura miftuħa b'Enzepi. Il-kontenut medju ta' xaħam fl-ippurgar kien simili fil-linja bażi (24.8%), wara stabilizzazzjoni (27.0%) u wara t-tieni ġimġha ta' kura miftuħa b'Enzepi (27.3%).

Studju PR-011

Studju PR-011 kien studju inkroċjat bit-tikketta mikxufa li sar fuq 15-il pazjent ta' bejn xahar u 11-il xahar, bl-EPI minħabba CF. Il-pazjenti ġew randomizzati sabiex jirċievu Enzepi minn kapsula miftuħa mħallta u amministrata mal-meraq tat-tuffieħ (f'nurser ta' siringa) jew ma' puree tat-tuffieħ (permezz ta' mgħarfa) għal 10 ijiem ta' kura, segwit minn cross-over għall-modalità ta' amministrazzjoni alternattiva għal 10 ijiem addizzjonali.

L-objettiv primarju kien li tiġi vvalutata l-aċċettabilità ta' 2 modalitajiet ta' amministrazzjoni permezz ta' kwestjonarju tal-aċċettabilità li mtela mill-persuna li kienet qed tipprovi l-kura. Tnax-il pazjent temmew iż-żewġ fergħat ta' kura assenjati u ġew evalwati. B'kollox, dawk li kienu qed jipprovdru l-kura kienu kuntenti jużaw il-puree tat-tuffieħ bħala metodu tad-dożaġġ meta mqabbel mal-meraq tat-tuffieħ.

Studju PR-018

Studju PR-018 kien estensjoni bit-tikketta mikxufa ta' 12-il xahar tal-Istudju PR-011. Il-pazjenti ngħataw Enzepi bl-istess doża li kienu qegħdin jieħdu fit-tmiem tal-Istudju PR-011. Id-doża ta' Enzepi għet aġġustata matul l-istudju ta' 12-il xahar hekk kif il-pazjent kiber u żied fil-piż.

Tnax-il pazjent temmew l-istudju. B'kollox, ġie osservat titjib mil-linja bażi sat-tmiem tal-istudju għal indiċijiet ta' tkabbir inkluż il-perċentili piż-ġhal-età, tul-ġhal-età, u piż-ġhal-tul.

Anzjani

Studji kliniċi ta' Enzepe ma inkludewx numri suffiċjenti ta' individwi fl-età ta' 65 sena u aktar sabiex jiddeterminaw jekk jirrispondux b' mod differenti minn individwi żgħażaġh. Esperjenza klinika oħra rrapportata ma identifikatx differenzi fir-risponsi bejn il-pazjenti anzjani u żgħażaġh.

5.2 Tagħrif farmakokinetiku

L-enzimi pankreatiċi f'Enzepe huma gastro-reżistenti biex jimminimizzaw il-qerda jew l-inattività fl-aċidu gastriku. Enzepe huwa mfassal biex jirrilaxxa ħafna mill-enzimi *in vivo* f'pH aktar minn 5.5. L-enzimi pankreatiċi mhumiex assorbiti mill-passaġġ gastro-intestinali.

5.3 Tagħrif ta' qabel l-użu kliniku dwar is-sigurtà

Ma saret l-ebda investigazzjoni preklinika b'Enzepe. Madankollu peress li l-enzimi pankreatiċi mhumiex assorbiti mill-passaġġ gastro-intestinali, mhijiex mistennija tossiċità sistemika wara l-amministrazzjoni orali tat-trab pankreatiku.

6. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU

6.1 Lista ta' eċċipjenti

Kontenut tal-kapsuli (granijiet gastro-reżistenti)

Croscarmellose sodium
Hydrogenated castor oil
Colloidal anhydrous silica
Microcrystalline cellulose
Magnesium stearate
Hypromellose phthalate
Talc
Triethyl citrate

Qoxra tal-kapsula

Hypromellose
Carrageenan (E407)
Potassium chloride
Titanium dioxide (E171)
Carnauba wax
Ilma purifikat

B'żieda għal Enzepe 10,000 unità granijiet gastro-reżistenti
Yellow iron oxide (E172)

B'żieda għal Enzepe 25,000 unità granijiet gastro-reżistenti
Yellow iron oxide (E172)
Indigotine (E132)

B'żieda għal Enzepe 40,000 unità granijiet gastro-reżistenti
Indigotine (E132)

Inka tal-istampar

Shellac
Propylene glycol

Indigotine (E132)

6.2 Inkompatibbiltajiet

Mhux applikabbli.

6.3 Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediċinali

Sentejn.

Wara li jinfetaħ għall-ewwel darba: 6 xhur meta mażzun f'temperatura inqas minn 25°C. Żomm il-flixxun magħluq sew u d-dessikant fil-flixxun sabiex tilqa' mill-umdità.

6.4 Prekawzjonijiet speċjali għall-ħażna

Dan il-prodott mediċinali m'għandux bżonn ħażna speċjali.

Għall-kondizzjonijiet ta' ħażna wara l-ewwel ftuħ tal-prodott mediċinali, ara sezzjoni 6.3.

6.5 In-natura tal-kontenitur u ta' dak li hemm ġo fih

Flixxun tal-HDPE li fih il-qratas tad-dessikant, magħluq b'għatu tal-polipropelin li ma jinfetaħx mit-tfal miksi u kisja tal-issiġillat li tinqala' billi tingi bed.

Daqs tal-pakkett ta' 20, 50, 100, u 200 kapsula.

Jista' jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkunu fis-suq.

6.6 Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu meta jintrema

Użu fil-popolazzjoni pedjatrika

Jekk meħtieġ, iftaħ il-kapsula bil-galbu u agħti l-kontenut (granijiet) lill-pazjent kif deskritt f'sezzjoni 4.2.

Armi kwalunkwe kapsula mgħaffġa bi żball.

Kull fdal tal-prodott mediċinali li ma jkunx intuża jew skart li jibqa' wara l-użu tal-prodott għandu jintrema kif jitolbu l-liġijiet lokali.

7. DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Allergan Pharmaceuticals International Limited
Clonshaugh Industrial Estate
Coolock
Dublin 17
L-Irlanda

8. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/1/16/1113/001-016

9. DATA TAL-EWWEL AWTORIZZAZZJONI/TIĠDID TAL-AWTORIZZAZZJONI

Data tal-ewwel awtorizzazzjoni:

10. DATA TA' REVIŻJONI TAT-TEST

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott mediċinali tinsab fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini <http://www.ema.europa.eu>.

ANNEX II

- A. MANIFATTUR TAS-SUSTANZA BIJOLOĠIKA ATTIVA U MANIFATTUR RESPONSABBLI GĦALL-ĦRUĠ TAL-LOTT**
- B. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET RIGWARD IL-PROVVISTA U L-UŻU**
- C. KONDIZZJONIJIET U REKWIŻITI OĦRA TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**
- D. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET FIR-RIGWARD TAL-UŻU SIGUR U EFFIKAĊI TAL-PRODOTT MEDIĊINALI**

A. MANIFATTUR TAS-SUSTANZA BIJOLOĠIKA ATTIVA U MANIFATTUR RESPONSABBLI GĦALL-ĦRUĠ TAL-LOTT

Isem u indirizz tal-manifattur tas-sustanza bijoloġika attiva

Nordmark Arzneimittel GmbH & Co. KG
Pinnauallee 4
25436 Uetersen
IL-ĠERMANJA

Isem u indirizz tal-manifattur(i) responsabbli għall-ħruġ tal-lott

Adare Pharmaceuticals Srl
Via Martin Luther King 13
20060 Pessano Con Bornago
L-ITALJA

B. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET RIGWARD IL-PROVVISTA U L-UŻU

Prodott mediċinali li jingħata bir-riċetta tat-tabib.

C. KONDIZZJONIJIET U REKWIŻITI OĦRA TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Rapporti Perjodiċi Aġġornati dwar is-Sigurtà

Ir-rekwiżiti tar-rapporti perjodiċi aġġornati dwar is-sigurtà għal dan il-prodott mediċinali huma mniżżla fil-lista tad-dati ta' referenza tal-Unjoni (lista EURD) prevista skont l-Artikolu 107c(7) tad-Direttiva 2001/83/KE u kwalunkwe aġġornament sussegwenti ppubblikat fuq il-portal elettroniku Ewropew tal-mediċini.

Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq għandu jippreżenta rapporti perjodiċi aġġornati dwar is-sigurtà għal dan il-prodott fi żmien 6 xhur mill-awtorizzazzjoni.

D. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET FIR-RIGWARD TAL-UŻU SIGUR U EFFIKAĊI TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

Pjan tal-ġestjoni tar-riskju (RMP)

L-MAH għandu jwettaq l-attivitajiet u l-interventi meħtieġa ta' farmakoviġilanza dettaljati fl-RMP maqbul ippreżentat fil-Modulu 1.8.2 tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq u kwalunkwe aġġornament sussegwenti maqbul tal-RMP.

RMP aġġornat għandu jiġi ppreżentat:

- Meta l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini titlob din l-informazzjoni;
- Kull meta s-sistema tal-ġestjoni tar-riskju tiġi modifikata speċjalment minħabba li tasal informazzjoni ġdida li tista' twassal għal bidla sinifikanti fil-profil bejn il-benefiċċju u r-riskju jew minħabba li jintlaħaq għan importanti (farmakoviġilanza jew minimizzazzjoni tar-riskji).

ANNEX III

TIKKETTAR U FULJETT TA' TAGĦRIF

A. TIKKETTAR

TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA**KARTUNA TA' BARRA - 5,000 unità tal-qawwa****1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI**

Enzepli ta' 5,000 unità kapsuli ibsin gastro-reżistenti
Trab pankreatiku

2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA(I)

Kapsula waħda fiha 39.8 mg ta' trab pankreatiku li ġej mill-ħnieżer inkluż l-attivitajiet enzimatiċi li ġejjin:

attività lipolitika:		5,000 unità Ph. Eur.
attività amilolitika:	mhux inqas minn	1,600 unità Ph. Eur.
attività proteolitika:	mhux anqas minn	130 unità Ph. Eur.

3. LISTA TA' EĊĊIPJENTI**4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT**

20 kapsula iebsa gastro-reżistenti
50 kapsula iebsa gastro-reżistenti
100 kapsula iebsa gastro-reżistenti
200 kapsula iebsa gastro-reżistenti

5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA

Togħmodx il-kapsuli.
Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.
Użu orali.

6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

7. TWISSIJA(IET) SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA

Tiblax id-dessikant.

8. DATA TA' SKADENZA

JIS
Wara li jinfetaħ għall-ewwel darba, il-prodott jista' jinħażen għal massimu ta' 6 xhur taħt 25°C fil-kontenitur magħluq sew tiegħu.

Data tal-ftuħ:

9. KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN

Żomm il-flixxkun magħluq sewwa sabiex tilqa' mill-umdità.

10. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR-RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN

11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Allergan Pharmaceuticals International Limited
Clonshaugh Industrial Estate
Coolock
Dublin 17
L-Irlanda

12. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/1/16/1113/001 20 kapsula iebsa gastro-reżistenti
EU/1/16/1113/002 50 kapsula iebsa gastro-reżistenti
EU/1/16/1113/003 100 kapsula iebsa gastro-reżistenti
EU/1/16/1113/004 200 kapsula iebsa gastro-reżistenti

13. NUMRU TAL-LOTT

LOTT

14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA

15. STRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU

16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE

Enzepi 5,000

TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA**KARTUNA TA' BARRA - 10,000 unità tal-qawwa****1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI**

Enzepi ta' 10,000 unità kapsuli ibsin gastro-reżistenti
Trab pankreatiku

2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA(I)

Kapsula waħda fiha 83.7 mg trab pankreatiku li ġej mill-ħnieżer inkluż l-attivitajiet enzimatiċi li ġejjin:

attività lipolitika:		10,000 unità Ph. Eur.
attività amilolitika:	mhux inqas minn	3,200 unità Ph. Eur.
attività proteolitika:	mhux inqas minn	270 unità Ph. Eur.

3. LISTA TA' EĊĊIPJENTI**4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT**

20 kapsula iebsa gastro-reżistenti
50 kapsula iebsa gastro-reżistenti
100 kapsula iebsa gastro-reżistenti
200 kapsula iebsa gastro-reżistenti

5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA

Togħmodx il-kapsuli.
Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.
Użu orali.

6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

7. TWISSIJA(IET) SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA

Tiblax id-dessikant.

8. DATA TA' SKADENZA

JIS
Wara li jinfetaħ għall-ewwel darba, il-prodott jista' jinħażen għal massimu ta' 6 xhur taħt 25°C fil-kontenitur magħluq sew tiegħu.

Data tal-ftuħ:

9. KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN

Żomm il-flixxkun magħluq sewwa sabiex tilqa' mill-umdità.

10. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR-RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN

11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Allergan Pharmaceuticals International Limited
Clonsaugh Industrial Estate
Coolock
Dublin 17
L-Irlanda

12. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/1/16/1113/005 20 kapsula iebsa gastro-reżistenti
EU/1/16/1113/006 50 kapsula iebsa gastro-reżistenti
EU/1/16/1113/007 100 kapsula iebsa gastro-reżistenti
